MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1041/2003

**Joe Falzon**

**Vs**

**Karmenu Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab il-hlas ta' Lm46.00c (sitta u erbghin lira Maltin) dovuti fuq kummissjoni ta' xoghol ta' dfin u caqliq ta' rhama fuq qabar.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-istess ammont mhux dovut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta mizmuma fis-27 ta' Novembru, 2003 fejn l-attur, Joe Falzon, ikkonferma li kien ftiehem mal-konvenut dwar il-gurnata u l-hin tad-dfin izda hu ma setghax imur, ghalhekk baghat tnejn mill-impjegati tieghu li kienu

Charlon Demanuele u Joseph Zarb. L-attur ikkonferma li x-xoghol sar kif suppost. Falzon qal li halla rcevuta ma wiehed mill-impjegati tieghu halli jekk ihallas il-konvenut jaghtih ircevuta izda l-konvenut ma hallasx.

Fil-kontro-ezami l-attur jikkonferma li tnejn min-nies bizzejjed biex jidfnu. Falzon ikkuntatja l-familja tal-mejjet wara l-funeral izda qalulu li kienu diga hallsuh lill-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Alfred Demanuele fejn jghid li jahdem mal-attur izda dakinhar tad-difna ma setghax imur u ghalhekk baghat lil ibnu Charlon Demanuele.

Fix-xhieda ta' Charlon Demanule jikkonferma li hu u Joseph Zarb ghamlu id-difna. Joseph Zarb kien staqsih kemm ghandhom jaghtu u Charlon Demanuele kien talbu Lm40.00c (erbghin lira Maltin).

Charlon Demanule jghid li gie li difnu bejn tnejn u waqt id-difna kien ghinhom xi hadd tal-familja u jichad li dan kien kostrett biex jghinhom. Wara l-funeral jghid li Joe Zarb kien staqsih ghall-ircevuti izda hu ma kellux.

Xehed Alfred Demanule fejn jghid li ma jiftakar xejn dwar ircevuti. Fil-kontro-ezami ta' Alfred Demanule jikkonferma li kien mar il-garage tal-konvenut b'ircevuta biex ihallsu l-istess konvenut izda ma hallsux ghaliex kien qallu li suppost kellhom ikunu tlieta u mhux tnejn. Alfred Demanuele jghid ukoll li bhala regola dejjem ikunu tnejn biex jidfnu.

Ra x-xhieda ta' Joseph Zarb fejn jghid li kien ha hsieb ix-xoghol tal-konvenut u li kien qallu li jekk Demanuele ma jatihx ircevuta Zarb ma jhallsux. Zarb jghid ukoll li tnejn min-nies mhux bizzejjed biex inizzlu persuna, fil-fatt tifel minn tal-familja kien offra biex jghinhom.

Il-konvenut qal li hu gie mqabbad mill-familja Tabone – hu avza lill-attur biex jaqla l-irhama u jidfen. Hu kien qabbad lil Joseph Zarb biex jiehu hsieb. Il-konvenut jghid li jaf li l-attur ma jibghatx tlett deffiena. Il-konvenut qal li thallas l-

ammont ta’ Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin) tad-dfin, Lm13.00c (tlettax-il lira Maltin) ghal irhama u Lm4.50 (erbgha liri Maltin u hamsin centezmu) VAT.

Ikkunsidra li skond l-attur il-konvenut kien informah li kellu dfin fic-cimiterju l-Mosta – ghalhekk l-attur ha hsieb li jitnaddaf fejn suppost jiccaqlaq l-irhama u baghat zewg impjegati biex jaghmlu x-xoghol.

Il-konvenut jaccetta li hu kien qal lill-attur biex “jaqla l-irhama u jidfen”.

L-attur li qieghed jippretendi l-hlas kellu jipprova x’kien il-ftehim dwar il-prezz tax-xoghol tieghu.  Jirrisulta li l-attur ghamel xoghol izda l-konvenut qed jghid li suppost ikun hemm tlett deffiena u l-attur ma kienx baghat dawn it-tlett deffiena.  L-attur jghid li b’tnejn tahdem.

Fid-dawl tal-provi prodotti billi jirrisulta li l-konvenut talab servizz minghand l-attur u l-attur tah servizz hemm ammont dovut lill-attur.  It-Tribunal jikkunsidra li l-ammont ta’ Lm46.00c (sitta u erbghin lira Maltin) huwa ammont gust ghax-xoghol li sar u ghalhekk qieghed jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna l-istess konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm46.00c (sitta u erbghin lira Maltin).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------